# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

### Seduta tal-lum il-Ġimgħa 12 ta’ Lulju, 2024

**Rikors Ġuramentat nru. 33/2024MH:**

**Numru:7**

**Margaret Pace**

**Vs**

**Joseph magħruf ukoll bħala Joseph Michael Pace**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess u mitlub illi:

1. *Illi l-attrici rikorrenti Margaret Pace hija proprjetarja tal-fond 14, Triq il-Gdida Hal-Qormi flimkien mal-garaxx biswit l-istess dar li jgib in-numru 16, Triq il-Gdida, Hal-Qormi;*

2. *Illi dan il-fond kien akkwistat matul iz-zwieg taghha ma’ zewgha Nikol Pace in forza tal-kuntratt pubbliku datat sbatax ta’ Mejju tas-sena elfejn*

*(17/05/2000) tal-atti tan-Nutar Philip Said u kopja tal-istess qed tigi hawn annessa animo ritirandi u mmarkata Dokument "MG1";*

3. *Illi zewgha Nikol Pace gie nieqes fil-25 ta' Lulju 2021 u kif jirrizulta mill-ahhar testment tieghu kif ukoll mir-ricerki testamentarji, l-attrici wirtet sehmu mill-istess fond 14 u 16, Triq il-Gdida, Qormi;*

4. *Illi binha l-konvenut Pace kien jirrisjedi barra minn Malta u meta rritorna Malta gie jirrisjedi mal-genituri tieghu billi ma kellux fejn joqghod u dana b'mera tolleranza u ghal ragunijiet umanitarji;*

5. *Illi l-attrici qed tigi assoggettata ghal trattament hazin da parti ta' binha minhabba fost l-ohrajn kliem hazin, ghajjat u tisbit kif ukoll kwantita kbira ta' imbarazz li halla gewwa l-proprjeta taghha li sahansitra qed irendi d-dar inabitabbli;*

6. *Illi minhabba dan l-agir, l-esponenti sahansitra rrikorriet ghand l-Agenzija Appogg u anke ghand il-pulizija u partikolarment lill-Qasam tal-Vjolenza Domestika u bhalissa hemm proceduri pendenti quddiem il-Qorti kriminali kontra binha l-konvenut;*

7. *Illi ghalhekk, il-konvenut Joseph Pace attwalment qed jokkupa l-fondi 14 u 16, Triq il-Gdida Hal-Qormi minghajr ebda jedd validu skond il-ligi u konsegwentement, minghajr ebda titolu;*

8. *Illi l-attrici interpellat lill-konvenut sabiex jizgombra mill-fond proprjeta taghha peress illi ma tiflahx iktar ghat-trattament hazin ta' binha fil-konfront taghha pero dan tal-ahhar baqa' inadempjenti;*

9. *Illi għar-raġunijiet suesposti jeżistu l-elementi kollha preskritti fid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex it-talba tal-attur rikorrenti għall-iżgumbrament tal-konvenut mill-fond 14, Triq il-Gdida, Hal-Qormi tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ tagħha, billi sa fejn taf l-esponenti nomine, l-intimati ma għandhomx eċċezzjonijiet validi x'jagħtu kontra din it-talba.*

*10.Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost u għar-raġunijiet premessi, u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa l-fondi 14 u 16, Triq il-Gdida, Hal-Qormi mingħajr ebda titolu validu fil-liġi; u*

3. *Tordna u tikkundanna lill-konvenut jiżgombra u jħalli battal l-fondi 14 u 16, Triq il-Gdida, Qormi tiffissa żmien qasir u perentorju sabiex jizgumbraw minn tali proprjretajiet.*

4. *F'kaz illi l-konvenut ma jottemperax ruhu ma' dak ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti in forza tat-tielet talba, tawtorizza lill-attrici tbiddel is-serraturi tal-fondi 14 u 16, Triq il-Gdida Hal-Qormi fuq imsemmija u tbattal l-oggetti appartenenti lill-konvenut u li jinsabu gewwa l-istess fondi hekk kif ighaddi tali perjodu qasir u perentorju li ghandha tiffissa dina l-Onorabbli Qorti in forza tat-tielet talba.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.*

Rat li msejjħa l-kawża deher il-konvenut biex jikkontesta din i-proċedura hekk imsejjħa bil-giljottina ai termini ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li konsegwentement ta' hekk tressqu provi relevanti miż-żewġ partijiet.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjonijiet.

Rat li dawn il-proċeduri tħallew jew għal provediment fuq l-ewwel talba jew deċiżjoni fl-intier tagħha jekk din tfalli wara li kienu tressqu l-provi relevanti miż-żewġ partijiet.[1]

**Provi.**

Ir-rikorrenti n suċċint xehdet[2] dwar l-inkwiet li kien jaqla' binha l-konvenut, li kellha s-sostnih bil-flus għax ma kienx żżomm xogħol ukoll anke ġieli qabel u telaq mid-dar u mar l-Ingilterra wara li kellha tissellef biex ġabitu lura mill-Awstralja għax ma bediex iġib ruħu sew. Hawn kellha tħallas ukoll kontijiet tad-dawl pendenti. Tgħid li binha dejjem taparsi ma jiflaħx, dejjem rieqed.

Tixhed dwar l-ammont ta' flus li kien tagħtih mix-xogħol tagħha ta' helper, ukoll li kienet tħallaslu flejjes għal korsijiet li kien jibda għal ftit u qatt ma jkompli.

Tixhed li hu qatt ma żamm impjieg fis, dwar id-diffikultà' li kellha bih biex tgħix ġo darha, l-imbarazz u li storbju li kienet qed tgħix fih kaġun ta' binha u ta' dan eżebit album tar-ritratti animo ritirandi[3], ukoll theddid li sar fil-konfront tagħha u ta' dan esibit sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija kontra l-istess imputat a detriment t' ommu l-attriċi, Dok MP folio 41.

Tinsisti li binha kien jitlobha u dejjem irid il-flus. Ukoll li hi kienet taħdem man-nies bħala helper u ma kellhiex minn fejn għal dan.

Tgħid li meta miet żewġha hi ma felħitux aktar lil binha u talbitu jitlaq mid-dar. Ried sehmu mill-wirt tal-missier. Tgħid li m'għandhiex minn fejn tagħtih xejn. Riedha tbiegħ id-dar li ġiet imħollija lilha bħala legat, isaqsi allura hi fejn sejra toqgħod? Lanqas irid li ssir il-*causa mortis.*

Tgħid li binha jorqod fil-kamra tagħha u hi fuq is-sufan.

Tgħid li minħabba binha ġieli ċemplet l-appoġġ.

[1] Verbal 26.06.2024 a folio 70

[2] Folio 47 et. seq.

[3] Dok MP fol 46.

Tinnega li binha ħa ħsieb lil missieru, anżi tinsisti li binha ħadlu kollox. Tikkonferma pero lil missier anke xtara arloġġ Rolex lil binha. Għaliha biex jeħles minnu.

Tgħid ukoll li binha kien anke jagħlaq l-ilma bl-ispanner u jiddependu fuqu biex jiftaħ l-istess biex jinħasslu.

Ġie esebit ukoll it-testment Dok MP3[4].

Da parti tiegħu l-konvenut jixhed[5] li kienet ommu li kienet titraskura u taħqar lil missier u hu da parti tiegħu kien jieħu ħsiebu speċjalment fejn tidħol dieta għax kien diabetiku. Li meta ġie lura mill-Awstralja hu kellu impieg għal xi żmien, ukoll li kien qed ikompli l-istudji. Pero mistoqsi mill-Qorti xi kwalifiki kellu jwieġeb O level wieħed fl-ingliż, ukoll konoxxenza ta' I.T. skills u li għamel xi taħrig ta' *kitchen back up*. Igħid ukoll lil missier kien tah Rolex bħala ringrazzjament. Igħid li hu kien ħaqqu sehmu mill-wirt ta' missieru. Jinsisti li jrid il-porżjon riservat.

Jixhed ukoll li meta ma kienx jaħdem kien jieħu ħsieb lil missieru li kien traskurat minn ommu.

Ikkunsidrat.

Il-konvenut jirreżisti t-talba fuq żewġ binarji.

Fl-ewwel lok jinsisti lit-talba tal-proċedura bil-ġiljottina, allura bid-dispensa tas-smigħ, ma tistax tirnexxi għax ma ġewx miżmuma u rispettati iż-żminijiet imsemmija fl-artikolu 169 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti ma taqbilx ma dan u żżomm ma dak sottomess mill-abbli avukat tar-rikorrenti li għamlet korrettament referenza għal proviso ta' l-istess artikolu.

Fir-rigward insibu lil ġurisprudenza tgħallem hekk:-

[4] Folio 13
[5] Folio 63

Fid-deċiżjoni fl-**ismijiet NC Dorian Dalli u Jeremy Dalli v. Portem Tourism Ventures Limited (C-68829)**[6]

"*3. Il-konvenuta argumentat li s-sentenza appellata hi nulla għaliex fis-smigħ ma ġiex osservat it-termini legali, ċjoè li s-smigħ isir "mhux aktar kmieni minn ħmistax-il jum u mhux aktar tard minn tletin jum min-notifika" (Art. 169 tal-Kap. 12).*

*4. Però l-proviso tal-Artikolu 169 jipprovdi: "Iżda fin-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu lqorti ma għandhiex tieqaf timxi bi proċediment sommarju speċjali iżda, għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet talpartijiet ma jiġux preġudikati".*

*5. F'dan il-każ, in-notifika bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni twettqet bl-aħħar pubblikazzjoni f'gazzetti lokali, li saret fit-23 ta' Marzu 2022. Għalhekk skont Art. 187(3) tal-Kap. 12:*

*"F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard". Is-seduta li saret wara dik id-data kienet fis-17 ta' Mejju 2022, jiġifieri mhux iktar kmieni minn ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tal-atti lill-konvenuta. Però s-smigħ sar fis-17 ta' Mejju 2022 u għalhekk "aktar tard minn tletin jum min-notifika". M'għandhiex raġun il-konvenuta meta qalet li dak il-fatt wassal sabiex ma baqgħetx tapplika l-proċedura bil-giljottina. Il-proviso tal-Art. 169 tal-Kap. 12 hu ċar li l-proċediment sommarju speċjali ma jieqafx.*

*7. Il-Qorti ma tarax li dak il-fatt wassal għal xi preġudizzju lill-konvenuta, peress li semmai rebħet iktar żmien biex tipprepara ruħha għas-seduta tas-17 ta' Mejju 2022 u żgur li d-drittijiet tagħha ma ġewx preġudikati. Madankollu fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2022 ħadd ma deher għaliha, u l-konvenuta ma pprovatx tiġġustifika dak in-nuqqas."*

[6] 8 ta' Jannar, 2024. Numru 5 Rikors numru 760/21/1 App.Ċiv.

Ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet Emanuel sive **Noel Muscat v. Helen Ciantar u Clayton Muscat**[7] imbagħad ingħad li:-

*"12. Trattat l-ewwel l-ilmenti procedurali, il-konvenuta tghid li dak kollu Ii sar quddiem l-ewwel Qorti huwa null u dana peress illi giet imsejha biex tidher ghal seduta li kienet qabel il-hmistax-il jum minn notifika, liema terminu hu impost bl-Artikolu 169 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan jista' jkun minnu, pero`, fis-seduta li ghaliha l-konvenuta kienet imsejha tidher, hija dehret debitament assistita mill-avukat ta' fiducja taghha, u ma ssollevat ebda lment dwar dan it-terminu.* ***Inoltre, il-proviso ta' dan l-artikolu jiddisponi li f'kaz li ma jigix osservat dan it-terminu, il-Qorti tista' tipprocedi bil-kaz u tara li d-drittijiet tal-partijiet ma jigux pregudikati. Hu dak Ii ghamlet l-ewwel Qorti ghax meta ssejhet il-kawza, ghall-ewwel il-konvenuta ma kinitx assistita minn avukat u l-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet, reghet dehret il-konvenuta debitament assistita li ressqet il-pretensjoni taghha. Il-fatt li din ma gietx accettata lanqas bhala difiza prima facie, ma jfissirx li d-drittijiet tal-konvenuta gew ippregudikati." (enfasi ta' din il-Qorti).***

Huwa ċar minn dan l-insenjament allura lli l-pern hawn hu jekk il-konvenut ġiex b'xi mod preġudikat a prexxindere mit-termini imsemmija.

Huwa ovvju lit-termini stabbiliti f'din il-proċedura huma intiżi biex jassiguraw il-ħeffa tas-smiegħ, taħt is-solenita' tal-ġurament tar-rikorrenti, għax għalhekk hija ntiża din l-eċċezzjoni għas-smiegħ normali ta' kawża, fejn allura il-konvenut jekk tirriżulta t-talba hu priv minn difiża.

Darba lil Qorti tassigura lil konvenut mhux biss deher, iżda ikkontesta dawn il-proċeduri, ħa l-pedana, u kien debitament assistit, ma tarax lit-termini għandhom jinpingu fuq il-kontinwazzjoni ta' din il-proċedura sommarja. Xejn ma jirriżulta li kien ta' preġudizzju għal konvenut a prexxindere mit-termini. Konsegwentement isib li dan l-argument m'għandux mis-sewwa.

It-tieni oġġezjoni li jressaq il-konvenut tirrigwarda l-bażi tat-talba li fuqha tistrieħ din il-proċedura.

L-attriċi titlob lil konvenut jiġi żgumbrat minn darha  ai terminu ta' l-artikolu 167 (1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[7] Numru 3 Rikors numru 574/19/1 LSO

L-argument tal-konvenut kontra dan huwa l-fatt li għalkemm jikkonċedi li l-attriċi rikorrenti ġiet imħollija d-dar fejn tgħix b'legat bil-wirt ta' żewġha, allura missieru, la s'issa għadu ma sarx l-immissjoni fil-pussess ta' dan il-legat, hi ma tgawdi ebda dritt jew titlu fuq l-istess propjeta' li tagħtiha l jedd li tixpruna din it-talba.

Anke hawn l-Qorti tħoss li din id-difiza tfalli.

Il-ġurisprudenza tgħallem fid-deċiżjoni **Mario u Jennifer mizzewgin Testa v. Rose Marie Testa**[8] illi:-

*-"12. Din il-Qorti tosserva li l-vertenza odjerna tinsab regolata b' dak li jghidu l-Artikoli 721 u 726 tal-Kodici Civili, u cioe` li l-proprjeta` ta' legat pur u semplici, bhalma huwa dak in ezami, jghaddi ghand il-legatarju mal-mewt tat-testatur, u li l-legatarju ghandu jitlob il-pussess tal-legat minghand l-eredi.*

*13. Kif ritenut fil-gurisprudenza l-immissjoni fil-pussess tal-legat hija "c-cavetta" tal-istitut kollu. Mal-mewt tat-testatur il-proprjeta` tal-legat pur u semplici tghaddi ghand il-legatarju li minn dak il-mument jiskatta d-dritt tieghu li jikkonsegwixxi l-pussess ta' dak il-legat mill-eredi.*[9]

*"Il-ligi tipprovdi li kull legat pur u semplici jaghti lill-legatarju d-dritt li jrcevi l-haga mhollija lilu b'legat.*

*"Waqt li hu minnu li l-ligi taghti d-dritt lil-legatarju li jigi immess fil-pussess tal-oggett lilu mholli b'legat, dan il-jedd ma jistax jigi interpretat li jfisser li l-proprjeta' ta' dak l-oggett ma tkunx ghaddiet fil-persuna tal-legatarju fil-mument tal-mewt, jew li sakemm issir l-immissjoni fil-pussess, l-oggett legat jibqa' proprjeta' tat-testaturi jew l-aventi kawza minnhom.*

*"Din l-immissjoni fil-pussess ghandha principalment l-iskop li tistabilixxi defenittivament illi l-legatarju accetta l-legat lilu mholli .... Fil-gurisprudenza l-importanza u l-portata ta' din l-immissjoni hija enfatika u pacifika ...."*[10]

Ċar minn dan illi l-argument tal-konvenut li ommu m'għandhiex titlu fuq il-propjeta' in kwantu għada mhux imesssa fil-pussess jfalli. Anzi huwa hu li

[8] 18 ta' Lulju, 2014 Appell Civili Numru. 246/2009/1

[9] Ara fost ohrajn: PA [TM] Rev.Frangisk Azzopardi v. Hilda Cauchi, 14/10/2004;
[10] 3 App.Civ. Maurice Busuttil v. Joseph Meli [1998] Vol.LXXXII.II.674

m'għandu ebda jedd li jgħix f'dar li llum tappartjeni biss u umikament lil ommu mħollija lilha b'legat.

Jekk għandu vertenzi fuq il-wirt ta' missieru dan mhux il-forum li jindirizza dan

**Konsegwentement il-Qorti tilqa' t-talbiet kif ddotti u tiddeċiedi illi**

1. **Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-artikolu 167 et. seq. tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**
2. **Tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa l-fond 14 u 16, Triq il-Ġdida, Ħal-Qormi mingħajr ebda titolu validu fil-liġi; u**
3. **Tordna u tikkundanna lil konvenut jiżgombra u jħalli battal l-fond 14 u 16, Triq il-Ġdida, Ħal Qormi dan fi żmien xahar minn din il-ġudikat ta' din is-sentenza,**
4. **Tilqa' anke r-raba' talba u tawtorizza li fil-każ ta' nuqqas t' ubbidjenza tat-tielet talba, l-attriċi tista' tgħaddi biex tbiddel is-serratura tal-fond indikat u tbattal l-istess mill-affarijiet appartenenti lil konvenut.**
5. **Bl-ispejjeż għal konvenut.**

**Onor. Miriam Hayman.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reg**